

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-3 ta' Ottubru 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesfinanzhof – il-Ġermanja) – Finanzamt Trier vs Cardpoint GmbH, aventi kawża ta' Moneybox Deutschland GmbH

(Kawża C-42/18) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tassazzjoni – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Is-Sitt Direttiva 77/388/KEE – Eżenzjonijiet – Punt 3 tal-Artikolu 13(B)(d) – Tranżazzjonijiet li jikkonċernaw il-pagamenti – Servizzi pprovduti minn kumpannija lil bank relatati mal-operat ta' distributori awtomatiċi ta' flus)

(2019/C 413/06)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesfinanzhof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Finanzamt Trier

Konvenuta: Cardpoint GmbH, aventi kawża ta' Moneybox Deutschland GmbH

Dispożittiv

Il-punt 3 tal-Artikolu 13B(d) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma tikkostitwixxix tranżazzjoni li tikkonċerna l-pagamenti eżentata mill-VAT, prevista minn din id-dispożizzjoni, il-provvista ta' servizzi mogħtija lil bank li jopera distributori awtomatiċi ta' flus, li tikkonsisti fl-operat u fil-manutenzjoni ta' dawn id-distributori, fil-provvista ta' flus fihom, fl-installazzjoni ta' hardwer u ta' softwer fihom, fit-trażmissjoni ta' talba għal awtorizzazzjoni ta' għbid ta' flus lill-bank li ħareġ il-karta bankarja użata, fid-distribuzzjoni tal-flus mitluba u fir-reġistrazzjoni tat-tranżazzjonijiet ta' għbid ta' flus.

⁽¹⁾ ĠU C 152, 30.4.2018.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-3 ta' Ottubru 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Raad van State – il-Pajjiżi Baxxi) – Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid vs A, B, P

(Kawża C-70/18) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija – Deċiżjoni Nru 2/76 – Artikolu 7 – Deċiżjoni Nru 1/80 – Artikolu 13 – Klawżoli ta' "standstill" – Restrizzjoni għida – Ġbir, reġistrazzjoni u żamma ta' data bijometrika ta' ċittadini Torok f'fajl ċentrali – Raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali – Għan ta' prevenzjoni u ta' ġlieda kontra l-frodi tal-identità u dokumentarja – Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Dritt għar-rispett tal-ħajja privata – Dritt għall-protezzjoni ta' data personali – Proporzjonalità)

(2019/C 413/07)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Raad van State